# Ftit Storja dwar il-Knisja

**Tagħrif miġbur minn John Bisazza**

150 sena ilu, sewwasew nhar is-Sibt, 11 ta' Awissu 1855, ġiet miftuħa u mbierka l-Knisja ta' Stella Maris. Dakinhar tqaddset l-ewwel Quddiesa u Ġesù Ewkaristija daħal jgħammar għal dejjem fit-tempju l-ġdid.



Maż-żmien, kull knisja ġdida tibda tiżżejjen b'opri artistiċi u ma jistax jonqos li l-attenzjoni prinċipali tinxteħet fuq il-kwadru titulari. Dan il-kwadru titulari ġie rregalat fl-1861 minn Girolamo Tagliaferro u huwa xogħol ta' Raffaele Caruana (1820 – 1886)[1]. Il-kwadru jirrappreżenta lill-Madonna b'Ġesù Bambin f'idejha fuq sfond ta' stilla kbira. Taħt il-Madonna jidher xini fuq il-baħar dieħel fil-port ta' Marsamxett; jidhru wkoll il-ponta ta' Tigne' u l-Forti Sant'Iermu. Dan il-kwadru huwa fuq stil purista li l-pittur wiret mingħand missieru Pietro Paolo Caruana (1794 – 1852) li kien ukoll pittur.

Bejn l-1876 u l-1878 kien qiegħed isir xogħol ta' tkabbir tal-Knisja fejn tkabbret il-korsija, inbnew il-kappelluni, is-sagristija u l-kor. Meta tlesta l-bini tal-kor deher li l-kwadru titulari kien żgħir wisq biex jitqiegħed fil-post il-ġdid u għalhekk beda jinħass il-bżonn li jiġi kkommissjonat wieħed ikbar.



F'dan il-perjodu tfaċċa fuq ix-xena Sir Ferdinando Inglott (1820 – 1893) li kien jgħix il-Belt Valletta iżda li kien iħobb ħafna l-Knisja ta' tas-Sliema, fejn kien jiġi villeġġjatura u fejn eventwalment baqa' jgħix sa mewtu f'numru 79, Triq it-Torri.[2]

Fis-sena 1877 Inglott għamel kuntatt mal-pittur Taljan Pietro Gagliardi (1809 – 1890) fejn talbu jagħmillu buzzett għal kwadru titulari ġdid. Fit-18 ta' Ġunju ta' l-istess sena Inglott irċieva l-buzzett flimkien ma' ittra li tiddeskrivi l-kompożizzjoni tal-pittura.[3]

Hija ħaġa kurjuża ħafna li meta fl-1891 saret il-vara ta' Stella Maris ġewwa Franza, ix-xogħol ħareġ jixbah ħafna l-buzzett tal-pittura ta' Gagliardi. Jista' jkun li l-iskultur li ħadem il-vara kellu f'idejh l-imsemmi buzzett. Il-pittura ta' Gagliardi qatt ma ġiet esegwita, għar-raġuni li f'dik il-ħabta Inglott sar jaf li fil-kannirja tal-Knisja ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta kienet tinsab pittura abbandunata, xogħol li sa dak iż-żmien ma kienx magħruf l-awtur tagħha esegwit fl-1583, u li kien mogħti mill-Kavallier Vincenzo Caraffa. Il-pittura kienet il-kwadru titulari tal-Knisja sas-sena 1843. Inglott xtara din il-pittura,

irrestawraha hu stess u fl-1891 irregalaha lill-Knisja ta' Stella Maris (li issa kienet saret parroċċa). Kellu jirreżisti mhux ftit it-talba tal-patrijiet Dumnikani tal-Belt li meta raw il-kwadru irrestawrat riduh lura.[4] Għall-bidu kien maħsub li l-pittura kienet xogħol ta' Paladini, iżda l-professur Dumnikan Andrew Vella (1918-1988) jattribwixxi x-xogħol lit-taljan Marc Antonio. Il-kwadru juri lill-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha u mdawra bejn żewġ anġli u numru żgħir ta' puttini. Fuq in-naħa ta' isfel fuq kull ġenb jidhru San Duminku u San Tumas d'Aquino; għarkobbtejh jidher il-Kavallier Caraffa. Fil-fond jidher il-Port il-Kbir u xi xwieni ta' l-Ordni[5]. Meta l-kwadru l-ġdid tpoġġa fil-post li jinsab illum, dak ta' Caruana tqiegħed f'post ċentrali fis-sagristija.





Meta intlaqtet il-Knisja bil-ħidma ta' l-għadu nhar l-1 ta' Marzu 1942, il-kwadru kien ġie restawrat mill-pittur/restawratur Giorgio Preca, li kellu biċċa xogħol kbira biex jirrestawrah u jerġa' jpitter dawk il-partijiet li kienu ntilfu bil-blast; sfortunatament kien hemm xi individwi irresponsabbli u bla skruplu, li ħadu xi partijiet mill-pittura meta din tpoġġiet għal xi żmien fis-sagristija sakemm il-Knisja kienet magħluqa għal xi xhur. Ix-xogħol delikat li twettaq b'ħila kbira, tlesta f'Awissu 1945.[6]

Rajna fil-qosor l-istorja ta' tliet pitturi li kull waħda minnhom turi lill-Madonna tiggwida xini huwa u riesaq lejn ix-xatt jew il-port – simbolu ta' Marija li qed tmexxina lejn is-salvazzjoni. Qegħdin infakkru l-150 sena tal-ftuħ tal-Knisja li isimha STELLA MARIS ifakkarna fost l-oħrajn f'silta minn waħda mill-ittri ta' San Bernard:

*Int li tinsab imħabbat 'l hawn u 'l hemm*
*mill-irwiefen u t-tempesti tal-baħar ta' din id-dinja,*
*twarrabx għajnejk mid-dija ta' dik il-Kewkba,*
*jekk ma tridx tinħakem mill-maltempati.*

Meta 150 sena ilu l-ewlenin residenti ta' tas-Sliema ċċelebraw l-ewwel festa, għamlu hekk biex juru mħabbithom lejn il-Padruna ta' dak li kien għadu raħal. J'Alla l-festa li sejrin niċċelebraw tkun għalina għajn ta' ġid spiritwali li jqarribna iżjed lejn Ġesù.

**Riferenzi**


1 L'Ordine 13 ta' Diċembru 1861
2 A Nation's Praise – A.E.Abela 1994
3 Kollezzjoni Privata (kopja) – John Bisazza
4 Malta Corriere Mercantile Maltese – 2 ta' April 1891
5 Minn studju ta' Dominique Ciancio B.A.(Hons) – Fuljett Festa Stella Maris 2002
6 Sunday Times of Malta 19 ta' Awissu 1945